MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 19/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmelo Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Carmelo Camilleri, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00am), il-Pulizija ġew infurmati permezz ta' telefonata magħmula minn persuna b'leħen femminili illi s-sieħeb tagħha kien qed ikisser xi vetturi li kienu pparkjati ġewwa Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi kif ukoll kien qed jagħmel xi ħsarat fis-residenża bl-indirizz 17, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi li kienet ir-residenża tal-persuna illi ċemplet l-għassa, u fejn kien jgħix ukoll l-aggressur. Ftit sekondi wara daħlet telefonata oħra minn persuna b'leħen maskili li

stqarret li missieru volontarjament ipprova jqabbad ir-residenża bl-indirizż 17, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi. Il-persuna li kien responsabbli għal dan l-aġir kien l-akkużat Carmelo Camilleri.

Illi mill-investigazzjonijiet li seħħew u mill-fatti jirriżulta li kien inqala argument bejn l-akkużat u l-konkubina tiegħu Mary Rose Chircop peress li din ta' l-aħħar riedet torganizza 'birthday party' fil-Klabb tal- Boċċi ġewwa Ħal-Qormi, iżda ma' xtaqitx li l-akkużat ikun preżenti. Dakinhar ta' dawn il-festeġġamenti u ċioe fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l-akkużat mar jixrob ġewwa ż- Żurrieq u sussegwentement hu mar il-festeġġamenti tal-konkubina tiegħu allavolja din kienet qaltlu biex ma' jmurx. L-akkużat qad jixrob hemmhekk u telaq madwar kwarta qabel ma telqet is-Sinjorina Chircop. Meta din ta' l-aħħar marret lura d-dar flimkien ma uliedha sabet lill-akkużat jisteniha barra r-residenża tagħha bl-indirizz 17, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi. Inqala argument bejniethom u fost atteġament mhux xieraq u aggressiv fil-konfront tagħha u kif ukoll fil-konfront ta' xi propjeta' appartenenti lill-ġarha tagħha, l-akkużat beda jqabbad id-dar ta' abitazzjoni tal-istess billi volontarjament qabbad is-sufan ġewwa din ir-residenża bl-użu ta' suffarina, liema nirien setgħu faċilment infirxu tul ir-residenża kollha li kieku ma' seħħx l-intervent ta' terżi persuni.

Irriżulta li fil-ħin tal-ħruq kien hemm ulied l-akkużat ġewwa din ir- residenża li fortunatament ma' miet jew weġġa ħadt minnhom. Filfatt kien iben l-akkużat stess, Adrian Chircop, li tefa' n-nirien b'saqajħ. L-akkużat iddikjara verbalment fil-preżenża ta' ibnu stess li kien ser iqabbad id-dar kollha.

Illi b'għemilhu Carmelo Camilleri sar ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill- imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dakinhar tal- inċident mertu tal-ewwel Kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fid-disgħa u għoxrin (29) u fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), preċiżament wara li inqala l-argument bejn l-akkużat u Mary Rose Chircop, l-akkużat apparti minn dak li ġie indikat fl-ewwel kap, ħareġ cilindru tal-gas mir-residenża ta' Mary Rose Chircop bl-indirizz 17, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi, fejn kien jgħix ukoll l-akkużat in kwistjoni, u volontarjament faqa l-windscreen ta' vettura bl'użu tal-istess ċilindru tal-gas, liema vettura kienet ipparkjata viċin ta' din l-istess residenża. Din il-vettura kienet tal-għamla Austin Mini bin-numru ta' reġistrazzjoni CAB274, li hija reġistrata fuq isem Francis Zammit li jirrisjedi fil- viċinanzi tal-akkużat.

Illi mill-fatti jirriżulta li meta il-pulizija marru fuq il-post, sabu lil Carmelo Camilleri qua akkużat f'nofs it-Triq San Ġorġ fejn hu ammetta dak il-ħin stess mal-pulizija li kien għamel il-ħsarat fuq żewġ vetturi sitwati barra fit-triq li waħda minnhom effettivament kienet tal-għamla Austin Mini bin-numru ta' reġistrazzjoni CAB274.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq

ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill- imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 12, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi dakinhar tal- inċident mertu tal-ewwel Kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fid-disgħa u għoxrin (29) u fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), preċiżament wara li inqala l-argument bejn l-akkużat u Mary Rose Chircop, l-akkużat apparti minn dak li ġie indikat fl-ewwel kap, ħareġ il-qasba tas-sajd mir-residenża ta' Mary Rose Chircop bl-indirizz 17, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi, fejn kien jgħix ukoll l-akkużat in kwistjoni, u volontarjament beda jagħti fuq windscreen ta' vettura li kien ipparkjat viċin ta' din l-istess residenża, liema vettura kienet tal-għamla Tata Mobile bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ328. Din il-vettura hija reġistrata fuq isem Donald Camilleri. Sussegwentement l-istess Carmelo Camilleri reġa daħal fir-residenża ta' Mary Rose Chircop kif hawn riferit, ħareġ ċilindru tal-gas u volontarjament faqa l-windscreen ta' din l-istess vettura bl'użu tal-istess ċilindru tal-gas.

Illi meta il-pulizija marru fuq il-post, sabu lil Carmelo Camilleri qua akkużat f'nofs it-Triq San Ġorġ fejn hu ammetta dak il-ħin stess mal- pulizija li kien għamel il-ħsarat fuq żewġ vetturi sitwati barra fit-triq li waħda

minnhom effettivament kienet tal-għamla Tata Mobile bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ328.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill- imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 325(b), 12, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi dakinhar tal- inċident kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u fl-istess ċirkostanzi, filwaqt li kien qed jikkaġuna l-ħsarat volontarji hawn fuq indikati, l-akkużat permezz tal-atteġament tiegħu kif ukoll kliem ta' theddid fil-konfront ta' Mary Rose Chircop kif ukoll kontra persuni oħrajn li dakinhar tal-inċidenti ħarġu sabiex jipproteġu l-propjeta' tagħhom mill-ħsarat li effettivament kien qed jikkaġuna l-istess Carmelo Camilleri, volontarjament ikkaġuna lill-istess persuni iħossu biża reali li ser tintuża vjolenża kontrihom u kontra l-propjeta' tagħhom (li filfatt ġara), liema biża ġiet ikkaġunata lilhom minħabba l-kliem u l-azzjonijiet tal-istess akkużat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se

tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l- imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża'.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill- imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża'; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett xhur u mhux iktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax- il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251B(1), 12, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi dakinhar tal-inċident kif indikat fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fid-disgħa u għoxrin (29) u fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fl-istess ċirkostanzi, jirriżulta li fi kliem l-akkużat stess kif ukoll mill-provi ta' xi uħud mix-xhieda f'dawn il-proċeduri, ġie ikkonfermat illi l-akkużat kien qiegħed volontarjment jixrob ġewwa ż-Żurrieq u sussegwentement niżel ġewwa l-Klabb tal-Boċċi ġewwa Ħal-Qormi fejn il-konkubina tiegħu Mary Rose Chircop kienet qed tiffesteġġa għeluq snienha, u hemmhekk kompla jixrob volontarjament. Jirriżulta wkoll li apparti mill-argument li kien inqala u li wassal għal dak li ġie indikat fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe'

għaċ-ċirkostanżi li bdew nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u li komplew fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l-atteġament barra mill-kontroll tal-akkużat kien parżjalment ikkaġunat mix-xorb li kien qed jixrob dakinhar. Kif diġa rajna wkoll, dan l-aġir volontarju da parti tal-akkużat wassal ukoll għal dwejjaq kbar ikkaġunati lil persuni oħra li soffrew miċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli, volontarjament f'lok pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma' kienx jista jieħu ħsieb tiegħu innifsu jew waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq lin-nies jew għamel xi storbju.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament f'lok pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma' kienx jista jieħu ħsieb tiegħu innifsu jew waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq lin-nies jew għamel xi storbju;
Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(ff), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi dakinhar tal-inċident kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u fl-istess ċirkostanzi, jirriżulta li minħabba l-atteġament u l-imġieba tal-akkużat u anki in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ħsarat fuq il-vetturi seħħew fi triq pubblika debitament abitat min-nies, l-akkużat volontarjament iddisturba l-kwiete pubblika u b'hekk kiser il-bon ordni u l-kwiet fil-pubbliku b'mod ġenerali.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(dd), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi dakinhar tal-inċident kif indikat fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fid-disgħa u għoxrin (29) u fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fl-istess ċirkostanzi, jirriżulta li d-disturb kkaġunati mill-akkużat Carmelo Camilleri seħħew fil-ħinijiet ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u l-għada t-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u ċioe' fil-ħinijiet ta' bil-lejl. Tant hu hekk illi r-rapporti li daħħlu l-għassa dwar dak li kien qed iseħħ da parti tal-akkużat daħlu għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00am) ta' nhar it-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u sebgħa (2007) u ftit wara. Jirriżulta wkoll li xi uħud mill-persuni li sfaw vittmi tal-attakki li għamel l-akkużat kontrihom personalment jew kontra l-propjeta' tagħhom kienu ġew imqajjma mill-irqad mill-ħsejjes ta' tifrik li semgħu u li kienu qedgħin jiġu volontarjament ikkaġunati mill-akkużat stess.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli, volontarjament bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat;
Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(m), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi dakinhar tal-inċident kif indikat fil-kapi preċedenti ta' din l-

Att tal-Akkuża u fl-istess ċirkostanzi, jirriżulta li filwaqt li kien qed jikkaġuna l-ħsarat volontarji hawn fuq indikati, l-akkużat ħebb kontra diversi persuni li dakinhar tal-inċidenti ħarġu sabiex jipproteġu l-propjeta' tagħhom mill-ħsarat li effettivament kien qed jikkaġuna l-istess Carmelo Camilleri, fosthom Mary Grace Zammit u Jane Zammit. Filfatt l-akkużat volontarjament żamm ċilindru tal-gass fuq ras Mary Grace Zammit u fil-każ ta' Jane Zammit jirriżulta li l-akkużat volontarjament imbuttaha u waqqagħha mal-art.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar ħati talli, volontarjament ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Carmelo Camilleri, ħati talli, volontarjament ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;
Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 339(d), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tad-19 ta' Dicembru, 2008 li biha eccepixxa :-

1. li l-piena mitluba fit-tieni w t-tielet kap ta' l-att tal-akkuza ma hijix kontemplata fil-ligi in kwantu fl-espozizzjoni tal-fatti ta' dawn iz-zewg kapi mkien ma jinghid li l-ammont tal-hsara tiskorri t-tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (E23.29);
2. in-nullita' tar-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza,

bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi, w cioe' fl-artikolu 251B (1) tal-Kodici Kriminali;
3. in-nullita' tar-raba' kap ta' l-Att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap in kwantu l-elementi kostituttivi tar-reat hemm dedott huma nieqsa;
4. in-nullita' tal-hames kap ta' l-Att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap u dan peress li mkien fl-espozittiva ta' l-imsemmi kap ma jinghid li l-esponent "ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu" kif rikjest fl-artikolu 338(ff) tal-Kodici Kriminali.
5. in-nullita' tat-tmien kap ta' l-Att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi, u cioe' fl-artikolu 339(d) [recte: 339 (1) (d)] tal-kodici Kriminali;
6. in-nullita' tat-tmin kap ta l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap, in kwantu r-referenza ghall-kapi precedenti ta' l-att ta' l-akkuza jwasslu ghall-eskluzzjoni tar-reat hemm dedott.
7. l-inammissibilita' tax-xiehda ta' Adrian Chircop moghtija fis-17 ta' Dicembru, 2007 u li tinsab a fol. 54 et seq. ta' l-atti processwali, fl-eventwalita' li waqt il-guri juri li ma jixtieqx jixhed kontra l-esponent kif prevvist fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali w din il-Qorti tilqa' t-talba.

Rat il-lista tax-xhieda tad-difiza annessa mal-istess Nota.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Dicembru, 2008 li biha, b' referenza ghan-nota tal-akkuzat, ta avviz tal-eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi indikati bin-numru 2 sa 4, stante li fin-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bihom, l-amissibilita' o meno taghhom ma tirrizultax.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2009, li bih Dr. J. Giglio, ghall-akkuzat, irtira l-hames u s-sitt eccezzjoni w li bih il-Qorti ordnat lil Dr. Giglio jindika l-oggett tal-prova tax-xhieda min-numru 2 sa 4 fil-lista tax-xhieda tal-akkuzat u dan fi zmien hmistax il-jum.

Rat in-Nota li biha l-akkuzat irtira il-hames u s-sitt eccezzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-30 ta' Marzu, 2009, li biha ddikjara li l-iskop tax-xhieda indikati fil-lista tieghu huwa sabiex jirribatti l-fatti kif allegati mill-prosekuzzjoni fir-reati lilu addebitati u sabiex jixhdu dwar l-agir tal-akkuzat kemm qabel kif ukoll waqt u wara d-data tar-reati allegati.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2009, fejn, wara trattazzjoni ulterjuri, l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li tirrigwarda l-piena mitluba mill-Avukat Generali ghat-tieni w t-tielet Kapi tal-Att ta' l-akkuza, l-akkuzat jeccepixxi li din il-piena mhix erogabbli ghaliex imkien f' dawn il-kapi ma jinghid li l-hsara tiskorri t-tlieta w ghoxrin ewro w ghoxrin centezmu.

Fil-fatt l-akkuza fit-tieni kap hi ta' hsarat volontarji fil-karozza CAB 247 Austin Mini billi l-akkuzat allegatament faqa' l-windscreen b' cilindru tal-gass. Fl-ewwel zewg paragrafi veru ma jissemmiex il-valur tal-hsara kagjonata, pero' fit-tielet paragrafu l-akkuza tispecifika li l-ammont tal-hsara jiskorri elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69c) u cioe' l-ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin. Fl-ahhar paragrafu mbaghad l-Avukat Generali talab li tinstab htija skond l-artikolu 325 (a) u li l-piena li kellha tigi erogata kellha tkun proprju dik skond dan is-subartikolu, li jispecifika li fejn il-hsara tkun izjed minn €1,164.69 i.e. (LM500) u cioe' l-valur premess fit-tielet paragrafu, l-piena tkun dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin.

Certament li l-piena mitluba hija dik attinenti ghall-valur tal-hsara msemmi fit-tielet paragrafu tat-tieni Kap u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-piena mitluba mhix

erogabbli. Il-fatt li l-ammont tal-hsara allegatament kagjonata ma ssemmiex espressament fl-ewwel zewg paragrafi tal-parti espozittiva tal-Kap, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jwassalx biex il-piena li tkun tista' tintalab trid allura tkun dik kontemplata fis-subartikolu (d) tal-artikolu 325, kif donnu qed jippretendi li ghandu jkun l-akkuzat. S'intendi dejjem ikun possibbli ghall-gurati, debitament indirizzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri, li jirriskontraw htija inqas minn dik li biha l-akkuzat qed jigi mixli li tkun kompriza w involuta fis-subincizi (b) (c) jew (d) tal-imsemmi artikolu.

L-istess fit-tielet Kap. Hawn si tratta ta' hsarat volontarji fuq il-vettura Tata Mobile numru AAJ 328. Fl-ewwel zewg paragrafi tat-tielet Kap ma jissemmiex il-valur tal-hsarat allegatament kagjonati. Pero' fit-tielet paragrafu l-Avukat Generali jispecifika li dawn il-hsarat ma jiskorrux l-elf mija w erba' w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69c) imma huma izjed minn mija w sittax-il-Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47c) u cioe' l-faxxa ta' hsarat li jaqghu taht is-subartikolu (b) tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

Konformement l-Avukat Generali qed jitlob fir-raba' paragrafu li tinstab htija taht dan is-sub artikolu (b) w li l-piena erogabbli tkun proprju dik li jiddisponi dan is-sub artikolu w cioe' dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena.

Anki hawn, il-fatt li l-ammont tal-hsara allegatament kagjonata ma ssemmiex espressament fl-ewwel zewg paragrafi tal-parti espozittiva tal-Kap, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jwassalx biex il-piena li tkun tista' tintalab trid allura tkun dik kontemplata fis-subartikolu (d) tal-artikolu 325, kif qed jippretendi li ghandu jkun l-akkuzat. S'intendi, anki hawn, dejjem ikun possibbli ghall-gurati, debitament indirizzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri, li jirriskontraw htija inqas minn dik li biha l-akkuzat qed jigi mixli li tkun kompriza w involuta fis-subincizi (c) jew (d) tal-imsemmi artikolu.

F’ kull kaz pero’ l-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-Qorti Kriminali tista', sew *ex officio,* kemm ukoll fuq eccezzjoni tal-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-akkuza, basta li dan isir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le: izda ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat. Is-subartikolu (2) jiddisponi li tali ordni jista' jinghata wkoll fuq talba tal-Avukat Generali kull meta jkun hemm zball jew difett fl-att ta' l-akkuza, ukoll meta, minhabba dan l-izball jew difett, l-akkuzat ikun ta l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza jew il-Qorti *ex officio* tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza, f' liema kaz l-akkuzat l-akkuzat jista' jitlob li l-kawza tigi mhollija ghall-gurnata ohra, sabiex ilesti d-difiza.

Inoltre l-artikolu 599 (1) jaghti s-setgha lil din il-Qorti li, f' kull waqt tal-kawza, sakemm il-guri ma jaghtix il-verdett tieghu, tordna li jigi korreggut kull zball li, mill-provi li jingiebu fil-kawza, jinsab li sar fl-att ta' l-akkuza dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna, meta, fejn u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-<u>indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero', l-proviso tal-istess subartikolu jiddisponi li m'ghandu jittiehed ebda qies ta' ebda haga li, minnhabba dik il-korrezzjoni, taghmel izjed gravi r-reat, kemm il-darba dan l-aggravament ma jkunx migjub espressament fl-att ta' l-akkuza .

Inoltre, jekk din il-Qorti tara li tali korrezzjoni tista' taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, tista' fuq talba tal-akkuzat, tholl il-guri w thalli l-kawza ghall-gurnata ohra, biex taghti zmien lill-akkuzat li jlesti d-difiza tieghu fuq l-att ta' l-akkuza hekk ikkorregut. (ara Appell Kriminali (Superjuri) **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb"** [22.4.2004] u ohrajn.)

Mill-qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni jidher car li dak li ma jistax isir mhux kull korrezzjoni li taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, imma biss korrezzjonijiet li jaghmlu ir-reat izjed gravi. Ghalhekk anki jekk korrezzjoni tkun tista' tippregudika lill-akkuzat fid-difiza tieghu, din

xorta wahda tista' ssir, sakemm ma tirrendix ir-reat aktar gravi w tali aggravament ma jkunx diga' misjub espressament fl-Att ta' l-akkuza.

F’ dan il-kaz mhu qed jizdied xejn li jzid il-gravita’ tar-reat addebitat ghaliex kemm fit-tieni u fit-tielet kapi mill-bidu kienu jissemmew htijiet li jaqghu rispettivament taht is-subinciz (a) u s-subinciz (b) tal-artikolu 325 rispettivament.

Ghalhekk u ghal kull buon fini pero’, din il-Qorti, kif tista’ taghmel skond l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, qed tordna li jigi emendat l-att tal-akkuza billi fit-tieni Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk :-

***“Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura kienet tammonta ghal izjed minn elf, mija u erba’ w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (E1,164.69c).”***

u fit-tielet Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk:-

***“Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura ma kienetx tiskorri elf, mija u erba’ w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (E1,164.69c) imma kienet izjed minn mija w sittax il-Ewro w sebgha w erbghin centezmu (E116.47c).”***

B’ dan il-mod qed tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li r-raba’ kap huwa null ghax ir-reat fih dedott ma giex migub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi w cioe’ l-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali.

Issa f’ dan il-Kap l-Avukat Generali jibda biex jippremetti li l-akkuzat fl-incident imsemmi fil-kapi precedenti, *“permezz tal-atteggjament tieghu kif ukoll kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ Mary Rose Chircop kif ukoll kontra persuni ohajn …..volontarjament ikkaguna lill-istess persuni*

*ihossu biza' reali li ser tintuza vjolenza kontrihom u kontra l-proprjeta' taghhom (li fil-fatt gara) liema biza' giet ikkagunata lilhom minnhabba l-kliem u l-azzjonijiet tal-istess akkuzat."*

Umbaghad fit-tieni paragrafu tal-istess raba' Kap, l-Avukat Generali jghid:-

*"Illi b' ghemilu l-imsemmi Carmelo Camilleri sar hati talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuni jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikiolu 222(1) fil-waqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza'."*

Fit-tielet paragrafu, wara li rrepeta sostanzjalment l-istess kliem li hemm fit-tieni paragrafu appena riprodott, l-Avukat Generali mbaghad talab li tigi inflitta l-piena erogabbli skond l-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-artikolu 251B(1) recentement introdott fil-ligi bl-Att XX tal-2005 kif emendat bl-Avviz Legali 407 tas-sena 2007, jiddisponi li:-

*"Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lill-haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-pesuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 222 tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlitt xhur sa sitt xhur jew multa …."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem uzat fil-parti akkuzatorja tar-raba' kap hu tali li r-reat dedott gie migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe' fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali . Ghalhekk it-tieni

eccezzjoni qed tigi respinta, salv dak li ser jintqal dwar it-tielet eccezzjoni.

Ikkonsidrat;

Issa l-akkuzat fit-tielet eccezzjoni qed jissottometti li kif jirrizulta mill-istess fatti dedotti incident wiehed kien hemm mentri suppost li jirrizultaw serje ta' incidenti skond il-gurisprudenza Ghalhekk f' dan il-kaz jonqos wiehed mill-ingredjenti tar-reat de quo. Saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** [24.4.2009]. F' dik is-sentenza l-Qorti ma rriskontratx htija taht l-artikolu 251B ghax ma rrizultatx **"imgieba**" (ossia **"course of conduct"** fit-test Ingliz ) ghax si trattava ta' incident wiehed.

Dik il-Qorti in sostenn tad-decizjoni taghha kompliet tghid testwalment hekk :-

*"…dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed - ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B imsemmi. Dan l-artikolu gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4 (1) tal-Protection from Harassment Act, 1997, tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

Dik il-Qorti osservat ukoll li ghalkemm it-test Ingliz tal-ligi Maltija jixbah hafna it-test tal-ligi Ingliza, *"ghal xi raguni - fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem* ***"on at least two occasions"*** thallew barra."

U ziedet tghid:-

*"Dak li qed jigi deciz f' din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu', ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u*

*mhux dik li effettivament tkun get kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht dispozizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap.9."*

Ikkonsidrat;

Illi kwantu ghat-tielet eccezzjoni, (u r-raba' eccezzjoni) jidher li dawn huma bazati fuq il-paragrafu (b) tal-proviso ghas-subartikolu (5) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixx , fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att."* Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu <u>fis-sustanza</u> r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza **"Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue"** [Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et."** [6.12.2002] , konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003, **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici"** [5.1.2004] u konferemata fl-Appell fit-22 t' April, 2004 u ohrajn.)

F' dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

Illi gie ukoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t' akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati.

F'"**Rex. vs. Strickland** " [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

*"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto di accusa, tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e delle prove."*

Ikkonsidrat;

Issa fil-parti espozittiva tar-raba' kap tal-att ta' l-akkuza jidher car li qed issir referenza biss ghall-incident jew incidenti li graw f' kuntest wiehed fit-30 t' Ottubru, 2007 ghall-habta tas-1 am.

Ma hemm ebda referenza ghall xi incidenti precedenti fil-parti espozittiva ta' dan il- kap u ghalhekk fuq il-bazi tal-fatti kif esposti mill-Avukat Generali qatt ma jista' jissussisti r-reat addebitat lill-akkuzat f' dan il-kap. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk ghandu jwassal ghan-nullita' ta' dan ir-raba' kap u ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi akkolta.

Ikkonsidrat;

Illi pero' ma hemmx dubju li kif esposti, il-fatti fil-hames kap - dejjem jekk jirrizultaw pruvati fl-istadju tas-smiegh tal-provi quddiem il-gurati - jistghu jwasslu ghall-kundanna mitluba fl-istess Kap. Insomma bla dubju ta' xejn jezisti bejn il-parti esposittiva ta' dan il-hames kap u l-parti akkuzatorja tieghu dak in-ness li trid il-ligi u li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null. (ara. **Rex. vs G.C.B. et altri"** - 8.3.05 Vol. XIX; iv. p18)"

Illi din Il-Qorti ma tarax li l-fatti kif esposti fil-hames kap ma jikkostitwux fis-sustanza ir-reat migjub jew deskritt f'dan il-kap izda tqis li l-vot tal-ligi gie sodisfatt u zgur li ma jistax jinghid li dan iwassal ghan-nullita' ta' dan il-kap tal-att tal-akkuza. Pero' ghal kull buon fini din il-Qorti qed tordna l-korrezzjoni tal-istess Kap billi wara l-kliem : *"li kien qed jixrob dak in-nhar"* fl-ewwel paragrafu tal-hames Kap, jidhlu l-kliem :-

***"b' mod li kien jinsab f' sakra, b' mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu"***

B'dan il-mod qed tiddisponi mir-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat.

Dwar l-unika eccezzjoni rimanenti tal-akkuzat w cioe' s-sebgha eccezzjoni, din il-Qorti tirrizerva li tipprovdi waqt il-guri w cioe' wara li tkun saritilha talba - jekk issir - minn Adrian Chircop biex hu jigi ezentat milli jixhed kontra l-akkuzat u wara li tqis jekk tali ezenzjoni hix legittima skond dak li jipprovdi l-artikolu 633 (2) tal-Kodici Kriminali w ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu biss maghrufa waqt l-andament tal-guri.

Dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ammissibilita' tax-xhieda minn-numru 2 sa 4, wara li rat in-Nota tal-akkuzat fuq imsemmija, din il-Qorti tirrizerva li tiddisponi dwar l-ammissibilita' ta' dawn it-tlitt xhieda waqt il-guri meta tkun tista' tigi maghrufa w meqjusa ahjar ir-rilevanza ta' kull wiehed minnhom.

Konsegwentement u ghall-motivi fuq imsemmija il-Qorti qed tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni billi a tenur tal-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali tordna li jigi emendat l-att tal-akkuza billi fit-tieni Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk :-

***"Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura kienet tammonta ghal izjed minn elf, mija u erba' w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69c)."***

u fit-tielet Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk:-

***"Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura ma kienetx tiskorri elf, mija u erba' w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69c) imma kienet izjed minn mija w sittax il-Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47c)."***

tichad it-tieni w ir-raba' eccezzjoni b' dan pero li, a tenur tal-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, tordna l-korrezzjoni tal-hames Kap billi wara l-kliem : *"li kien qed jixrob dak in-nhar"* fl-ewwel paragrafu ta' dan il-hames Kap, jidhlu l-kliem :-

***"b' mod li kien jinsab f' sakra, b' mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu"***

Tilqa' t-tielet eccezzjoni w tiddikjara r-raba' kap tal-att ta' l-akkuza null in kwantu l-fatti migjuba ma jikkostitwux fis-sustanza ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap in kwantu l-elementi kostituttivi tar-reat hemm dedott huma nieqsa.

Tirrizerva li tiddeciedi dwar is-seba' eccezzjoni tal-akkuzat u dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ammissibilita' ta' provi fl-istadju tal-guri, kif fuq intqal u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u s-sitt eccezzjonijiet stante li dawn gew irtirati.

Tordna li l-Att tal-Akkuza, kif issa emendat, jerga' jigi notifikat mill-gdid lill-akkuzat u tiddifferixxi l-kawza *"sine die"* sabiex tigi appuntata biex tinstema' bil-gurija meta jmissha t-turn skond il-ligi w okkorrendo wara li jigi deciz b' mod definittiv xi appell eventwali minn din is-sentenza.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa' fl-istess pozizzjoni li jinsab fiha llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------